MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2007

Numru 33/2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Michael Coppini ta' 36 sena iben Albert u Elizabeth nee Portanier mwieled Sliema fit-2 ta' Frar 1969 u residenti Diamond Flat 4, Wied is-Swieqi Swieqi, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 62869(M)

U

Anthony Borg ta' 64 sena iben il-mejjet Paul u Ines nee Sammut mwieled Floriana fit-23 ta' Jannar 1938 u residenti 'The Blessing' Embassy Way Ta' Xbiex, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 111038(M).

Akkużati talli fl-10 ta' Jannar 2005 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-ġżejjer u cioe ġewwa La Vallette Resort St. George's Park Holidy Complex, Triq Dragunara, Paceville, Malta, impjegaw jew taw xogħol lil persuna li ma kinitx

persuna eżenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xogħol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess żmien u cirkostanzi bħala l-principal jew il-persuna li impjegat u persuni oħra, whole-time, part-time jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ  b'dan l-impieg kif hemm fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikati tat-twelid ta' l-imputati, ta' Anthony Borg bin-numru 1110 tas-sena 1938, fol 54, u ta' Michael Coppini li jġib in-numru 628 tas-sena 1969 u dan a fol 56;  il-fedini penali taż-żewġ imputati  a fol 56 et;  id-dokumenti ta' l-ETC a fol 82 et;  l-istqarrija ta' l-imputat Michael Coppini li tidher a fol 106 u d-dokumenti li jidhru immedjatament warajha;  document maħruġ mill-ETC li jidher a fol 46;  il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji kif wkoll l-espressjoni ta' l-imputati biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji wkoll;  l-istqarrijiet li għamel Shakroun Mohamed Amine bin Abdel Hamid u stqarrija oħra magħmula mill-istess persuna.

Ikkunsidrat.

F'Jannar 2005 skond ma xehdet l-ispettur Mula kienu marru hi u s-surġent Mario Buhagiar f'St. George's Resort u kienu staqsew għal Mohamed Shakroun.  Ir-receptionist qalu li ma kienux jafu lil din il-persuna.  Il-pulizija qalu li kienu ħbieb ta' din il-persuna u twasslu għand Mohamed Shakroun.  Dan kien qalilhom li hu miżżewweġ Maltija u għandu l-permessi kollha neċessarji.  L-għada kien mar fid-depot tal-pulizija fejn kien tahom id-dettalji kollha u kull ma kien biddel kien l-isem tiegħu.  Fl-istqarrija magħmula minn Shakroun Mohamed Amine bin Abdel Hamid fil-11 ta' Jannar 2005 fis-12.40pm huwa qal li dan ta particulars oħrajn meta marru l-pulizija għaliex ma kienx jafhom bħala ħbieb. Huwa qal li kien fil-La Vallette Resort biex jaħdem bħala receptionist.  Huwa kien mistoqsi jekk il-permess tiegħu kien biex jaħdem ta' kok, kif kien qed jaħdem ta'

receptionist. Huwa kien spjega illi l-jum ta' qabel kien daħal ikellem lil xi persuna bl-isem ta' Karl biex jagħmulu work permit biex jibda jaħdem ta' receptionist. Huwa kien waqaf mir-restaurant għax ma kienux qed iħallsuh u kien mar jkellem lil ċertu Michael biex jara jekk jimpjegahx bħala receptionist. Huwa qal li kien ilu xi xahar jaħdem bħala kok u li dak il-jum stess li kienet qed ssir l-istqarrija, kellu jerġa jaħdem bhala kok. Meta kien mistoqsi għala kien mar jitlob li ssir applikazzjoni għal xogħol ta' receptionist, rrisponda li beda jibża li ma jħallsuhx, jieqaf mix-xogħol ta' kok u jibda jaħdem bħala receptionist. Huwa qal li mas-St. George's Complex kien beda bħala security imma suppost li kien waqaf. Hawn hekk inġibdet l-attenzjoni tiegħu li biex jaħdem bħala security kellu bżonn liċenzja apposta. Shakroun Mohamed Amine wieġeb li ma kienx jaf imma meta induna waqaf. Kien sar jaf dan meta mar għand l-accountant tiegħu. Bħala security ma kienx ħa paga għax kien telaq. Huwa imbgħad kien għamel stqarrija oħra fis-5.45pm tal-11 ta' Jannar 2005 fejn spjega li kien waqaf jaħdem f'Ottubru mir-restaurant għaliex ma kienx qed jieħu ħlas. Il-management fejn kien qed jaħdem kienu krew ir-restaurant mingħand St. George's Park. Lilu u lill-mara waqqfuhom it-tnejn f'salt. Huwa kien mar għand l-owner tal-hotel biex jitlob l-għajnuna għax ried iħallas il-kera u għall-ħajja u flus ma kellux. Huma staqsewh jekk kellux visa biex jibqa' Malta u rrisponda li iva. Malli sar l-ewwel ħlas huma talbuh il-work permit u hu ħadulhom u l-accountant qallu li kien jista jaħdem biss ta' kok. Imbgħad kien talab lill-manager li ried jaħdem ta' receptionist u l-manager qallu isma rridu nitolbu work permit ieħor. Huwa qal li kien mar għand l-ETC wkoll. Il-kumpanija staqsewh jekk kellux work permit u qallhom li kellu u meta induna li ma kellux dritt jaħdem hekk huwa kien waqaf. Huwa fil-fatt għandu jieħu fuq l-LM1000 mingħand ċertu Chris Mifsud u Alistair McIntosh. Saħansitra kien mar għand il-labour office u dawn ċemplu lil Chris Mifsud u qalilhom li meta jkollu l-flus jċempel lill-impjegati. Fl-aħħar nett kien qal li hu kull ma xtaq jieħu flusu lura. Lilu u lill-mara kienu waqqfuhom u kienu jaħdmu f'daqqa.

L-ispettur kompliet bix-xhieda tagħha. Hija qalet illi Mohammed Shakroun kien qal li s-Sur Anthony Borg huwa d-direttur. Hija kienet bagħtet għas-Sur Anthony Borg u tagħtu twissija pero ma ħaditx statement bil-miktub. Huwa kien spjegalha li huwa company director u spjegat li strictly speaking il-company director huwa liable sakemm ma jindikax mod ieħor.

L-avukat difensur staqsa lil din ix-xhud biex tikkonferma illi Mohamed kien qal lis-Sur Coppini li kellu work permit u x-xhud hawn hekk kkonfermatilli fil-fatt hekk kienet qalet. U hawn l-avukat staqsa li ma kienx qallu li l-work permit kien ristrett għal kok. Ix-xhud wieġbet li dik l-affari ma daħlitx fiha. Għal iktar mistoqsijiet ix-xhud qalet illi Mohamed ma kienx qallhom bir-restrizzjoni li kellu fil-work permit. L-avukat staqsa jekk kienx rriżultalha li s-Sur Coppini bħala persuna responsabbli għall-impjegati kienx rreġistra ma l-ETC u hawn hekk ix-xhud qaltlu li aħjar jitilgħu jixdhu ta' l-ETC (fol 9). Ix-xhud kompliet tgħid li ma ċemplitx lill-ETC biex tiċċekkja. Hi tiċċekkja biss mal-barranin ta' l-OPM mas-Citizenship & Expatriates Affairs. Il-mara li għandu l-imputat, skond ix-xhud, mhix Maltija għax kieku Maltija ma kellhiex bżonn work permit. Ikkonfermat illi l-mara ta' l-imputat kellha work permit validu. Ikkonfermat wkoll li x-xhud Mohamed kellu work permit as a cook. Ix-xhud kompliet tgħid illi minn investigazzjoni li għamlet hi rriżultalha illi Mohammed Shakroun kellu permess biex jaħdem bħala kok pero ma kienx qed jaħdem bħala kok. U kien kkonferma dan wkoll is-Sur Coppini. Ix-xhud wieġbet wkoll li s-Sur Borg kien tressaq bħala direttur tal-kumpanija. Tressaq is-Sur Coppini bħala overall director u l-persuna inkarigata mill-kumpanija li hemm in charge rriżulta li kien is-Sur Borg. Ix-xhud qalet li ma kinitx għamlet riċerki fil-Malta Financial Authority biex tara jekk kienx is-Sur Borg fil-fatt id-direttur imma qagħdet fuq dak li qalilha s-Sur Coppini.

L-istqarrija tas-Sur Michael Coppini

Din l-istqarrija saret fit-12 ta' Jannar 2005. Is-Sur Michael Coppini qal li huwa manager ta' St. George's Park Complex u huwa responsabbli mill-general running duties

of the hotel. Huwa qal illi Shakroun Mohamed Amine bin Abdel Hamid kellu kondotta mill-aħjar u qatt ma kellu problemi fil-hotel. Ix-xogħol tiegħu kien bħala kok imma ġieli filgħaxija kien jgħin naqra fir-reception u fir-room service. Dwar ix-xogħol ta' security huwa qal li ma għandhomx xogħol ta' security fil-hotel. Matul il-lejl ma jħallix receptionist waħdu imma dejjem jkun hemm xi ħadd magħhom bħala assistant. Dwar kemm kien ilu jagħmilha ta' receptionist jew assistant receptionist, l-imputat Michael Coppini qal li jidhirlu li minn Novembru pero ma kienx ċert. Dwar min hu l-employer tiegħu, huwa qal li huwa s-Sur Anthony Borg. Ma kienx jaf kemm kien jirċevi ħlas Mohamed Shakroun għax ried jara l-accounts.

Fix-xhieda tiegħu Mohamed Amine Shakroun xehed illi huwa kien għamel xogħol ta' security wara li kien spiċċa minn mar-restaurant u dan ix-xogħol kien għamlu ġewwa St. George's Park, fol 24. Kien impjegah hemm hekk Michael Coppini. Huwa kien qed jagħmel xogħol bħala security. Bħala receptionist kien għadu ma bediex. Huwa nnega li kien ħadem bħala receptionist pero ma kienx jiftakar kemm-il darba għamilha ta' security. Huwa kien waqaf mix-xogħol mir-restaurant f'Novembru. Huwa kien ħadem fil-La Vallette Resort u kien għamel xogħol ta' security (fol 28). L-accountant kien għajjtitlu biex iġibilha l-work permit u mar u ġabilha l-work permit tiegħu. Huwa imbgħad kien kellem lis-Sur Michael Coppini u staqsieh setgħax jagħmillu application form biex jkun jista jaħdem bħala receptionist ghax security ma kellux ċans u kien fil-fatt applikalu. Huwa kien ħadem bħala security biss as a test. Fil-kontro eżami huwa qal li kien jaħdem mal-kumpanija jisimha Elite Foods bħala kok. Din ddeċidiet li tkeċċieh meta hu kellu jieħu LM1116. Huwa kkonferma li f'Novembru kien mar għand is-Sur Coppini, qalli jiena bil-ġuħ u talbu l-għajnuna biex jgħix hu stess u l-mara tiegħu. Huwa kien qallu lis-Sur Coppini li kellu l-working permit, fol 30. A fol 30 wkoll, l-avukat staqsa, 'U kien biss il-bieraħ li inti infurmajt lis-Sur Coppini li l-work permit tiegħek kien ristrett għal xogħol ta' kok.' Ix-xhud hawn hekk wieġeb, 'Qabel kont għidt lill-accountant' (fol 31).

Ix-xhud qal li kien sab għajnuna u huwa qal wkoll li ma kienx jaf li seta jaħdem ta' kok biss. Kien sar jaf biss il-jum ta' qabel. Huwa kkonferma li meta s-Sur Coppini kien offrielu x-xogħol, kien mela l-karti kollha u bagħthom l-ETC. Mingħand l-ETC hu ma kienx infurmat li ma setgħax jaħdem. Huwa ftakar li kien ffirma karta u ma kienx jaf eżatt x'kienet. Meta kienu marru l-pulizija kienu qalu li kienu jridu kemm lilu għax kienu ħbieb tiegħu iżda hu ma kienx jafhom u beża' dak il-ħin. Ismu biss ma kienx qalilhom tajjeb. U filgħodu kien mar is-CID bl-ID card number tiegħu. Huwa kien informa lis-Sur Coppini x'ġara filgħodu u reġa talab lis-sur Michael Coppini u qallu aħjar tagħmilli application biex naħdem bħala receptionist għax milli jidher security ma nistax naħdem. Dwar is-Sur Borg huwa qal li dan żgur ma kienx jafu. Ġo St. George's Park hemm ħafna nies jaħdmu. Fuq xogħol żgur qatt ma kien kellmu u lanqas kellu x'jaqsam ma l-impieg tiegħu.

Is-Sur Paul Aquilina Senior Clerk ma l-ETC qal illi Mohamed Amine Shakroun għalihom kien qiegħed jaħdem ma l-Elite Food Services Limited u kien ilu jagħmel dan mit-2 ta' April 2004. Huwa kien cook assistant. Mistoqsi mill-avukat difensur kienx jaħdem ma l-Elite, dan ix-xhud qal li skond ir-records tagħhom hekk għadu. Mingħand l-employers tiegħu huma kellhom engagement form u d-data ta' l-ingaġġ. Meta l-avukat difensur staqsa jekk Aquasun Services Limited kienux kitbu lill-ETC fl-20 ta' Diċembru 2004 fejn talbu li jimpjegaw lil dik il-persuna, ix-xhud qal li hu ma kienx fittex taħt il-kelma Aquasun imma kien fittex biss taħt il-kelma Shakroun. Fil-file ma l-employee hu ma kienx sab applikazzjoni għall-impieg magħmula minn Aquasun Services Limited għal din il-persuna. Minn dak li esebiet l-ETC, jidher li Mohamed Amine Shakroun kien reġistrat bħala assistant cook ma Elite Food Services Company Limited, fol 46.

Alexander Fenech li huwa Prinċipal fic-Citizenship & Expatriate Affairs qal illi kien hareġ permess lil dan il-ħaddiem fis-17 ta' Marzu 2004 biex jaħdem bħala cook fis-St. George's Park Restaurant St. George's u kellu validita sat-30 ta' April 2005. Skond dan ix-xhud, meta

joħorġu dawn il-permessi jfisser li jkun jista jaħdem bħala kok ma St. George’s Park Restaurant u skond dan ix-xhud huwa ma jkunx jista’ jagħmel xogħol ieħor. Biex wieħed ikun jista jaħdem bħala cook, irid iġib il-curriculum vitae. Dan kellu curriculum vitae u kien hemm fejn ħadem barra. Id-difiża staqsa jekk kienx ħaġa difficli li taħdem ta’ security, dan l-uffiċjal qal li jiddubita għax dan ix-xogħol jista jsir minn xi Malti ieħor.

Kien xehed Edwin Mallia, rappreżentant ta’ l-ETC li qal li Aquasun Services limited kienu bagħtulhom engagement form ta’ Shakroun Mohammed Amine sabiex jaħdem bħala security. Din intbgħatet lura lilhom u ma ġietx aċċettata għax il-work permit ta’ dan il-bniedem kien jgħajjat lil okkupazzjoni ta’ cook u mhux security. Din kienet intbgħatet f’Jannar. Dan ix-xhud qal l-ewwel darba li kienu rċevew it-talba kien fit-2 ta’ Diċembru 2004. Huwa kienu infurmawhom f’Jannar 2005. Intbgħatet lura għax il-permess ma kienx ta’ security. Biex ta l-informazzjoni fl-awla, ix-xhud kien ċċekkja ma l-iskrivan li kellu x’jaqsam ma dan ix-xogħol. L-iskrivana jisimha Denise Farrugia. Dan ix-xhud spjega wkoll li kull meta jirċevu xi engagement forms mingħand barrani, jaraw jekk għandux work permit u l-work permit xi jgħid. Jekk ix-xogħol jkun jgħajjat mod, ma jistax ikun mod ieħor. Anke l-employer ma jistax ibiddel. Huma jiċċekkjaw u jqabblu l-engagement form u jekk għandux work permit u lil min jgħajjat bħala xogħol. Jekk ma jkunx tajjeb huma jibgħatuh lura lill-employer li jkun bagħta u jibgħatuha b’covering letter. Huma jgħidulhom li l-work permit jgħid xi ħaġa oħra. Dwar il-covering letter huwa qal li din qegħda għand il-kumpanija. Il-persuna li qegħda fiċ-ċentru ta’ dan il-proċess ma tistax taħdem għaliex il-permess ma kienx jaqbel ma dak li kien hemm fl-engagement form. Telgħet tixhed Bernice Farrugia li wkoll taħdem ma l-ETC. Hija kienet tipproċessa dawk li ma jiġux aċċettati mid-data input clerks. Hija qalet illi ma tagħmilx kopja tal-formola pero għandha excel sheet u tkun taf x’bagħtet u ma bagħtitx. Hija għarfet il-firma tagħha meta kienet murija id-dokument animo retirandi. Id-data kienet 25 ta’ Novembru 2004. A fol 78 qalet li l-ħaġa ħażina li kien hemm kienet il-kelma ‘security.’ L-employer kien nnotifika

l-impieg bħala security. Ix-xhud qalet li l-permit kien biex ikun kok. Huma nnotifikaw lill-applikant fl-14 ta' Jannar 2005, (fol 79). Hija spjegat it-tul ta' żmien bejn Novembru u Jannar minħabba meta jkun hemm affarijiet ta' permits, huma jgħadduha lill-persuna li tieħu ħsieb il-work permits u din tiċċekkja mad-Dipartiment ta' l-Expatriates. U hawn l-avukat insista li kienu għaddew one month and two weeks. Id-data li kien hemm fuqha tagħmilha hi u d-data hija 14 t a' Jannar 2005 a fol 80. Għal mistoqsija mill-avukat, 'Meta tirċevu formola, awtomatikament jfisser li l-ETC huma infurmati bl-employment?' Ix-xhud wieġbet, 'Le, tkun meta tiġi inputted u l-permit jkun jaqbel.' Ikollu l-affarijiet kollha kif suppost.

Xhieda Difiża.

Xehed is-Sur Anthony Borg li qal li huwa Chief Executive Officer ta' Testaferrata Group. Din għandha diversi kumpaniji u jħaddmu madwar 350 ruħ. Fuq il-każ partikolari, hu ma kellu x'jaqsam xejn għax dan jrid jirrispondi għalih il-Human Resources Manager. Fil-fatt dwar dan il-każ huwa ma kien jaf xejn. Sar jaf meta Michael Coppini kien qallu li bagħtu għalih id-depot fit-12 ta' Jannar. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk Shakroun kienx qed jaħdem magħhom, ix-xhud wieġeb 'Ma nistax nirrispondik jiena għax ma nafx. Lanqas naf min hu jiena.' (fol 93).

Xehed wkoll Michael Coppini li kien rrilaxxja statement lill-pulizija u kien lest li jikkonfermah bil-ġurament. Huwa qal li kien General Manager Personnel. Huwa spjega li kien mar fuq dan Shakroun qallu li wieħed mir-restaurants li kellu ma kienx qed jitħallas mingħandu. Dan kien fil-fatt sub-contracted lil xi kumpanija oħra. Jiġifieri effettivament ma kienx f'idejhom u lanqas biss kien Shakroun impjegat tagħhom. Lill-imputat dan Shakroun kien jafu u talbu xi xogħol sakemm jirranġa s-sitwazzjoni li kien fiha, jiġifieri li ma kienx qed jitħallas mingħand is-sid tiegħu. Qallu nara x'nista nagħmel u staqsieh jekk jistax jgħin fir-reception filgħaxija u affarijiet bħal dawn. Staqsieh jekk għandux work permit u jekk għandux kondotta nadifa u affarijiet bħal dawn u aċċertah li għandu l-work permit. Ix-xhud

avża lill-Accounts bid-dettalji tiegħu u staqsa lilu biex jmur l-accounts u jagħtihom il-work permit u l-ID card.  L-accounts jibgħatu  il-formoli ta’ l-impieg lill-ETC.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------